**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**

**IL-ĦADD, 28.8.11: IT-TNEJN U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA**

**Fil-10.30a.m.** Se jqaddes Dun Ġużepp Camilleri, missjunarju Għawdxi fil-Gwatemala li bħalissa qiegħed hawn għall-vaganzi. Il-ġabra li se ssir f'din il-quddiesa se tkun għall-missjoni tiegħu f'dan il-pajjiż.

**IT-TNEJN, 29.8.11:** Tifkira tal-Martirju ta' San Ġwann Battista.

**IL-ĦAMIS, 1.9.11:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar

**Fis-7.00a.m.** ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-7.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru t-twaqqif tal-Ewkarsitija u tas-Saċerdozju.

**IL-ĠIMGĦA, 2.9.11: L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Illum ikun hawn l-Adorazzjoni mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mit-3.30p.m. 'l quddiem.

Nagħmel appell biex nieħdu sehem fl-Adorazzjoni.

**Fit-8.30p.m.** se ssir quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għall-gradwati u membri tal-professjonijiet kollha. Din tkun fil-knisja ta' Santu Wistin Victoria. Qabel il-quddiesa ikun hemm l-possibilta' għall-qrar.

**IL-ĦADD, 4.9.11: IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD TA' MATUL IS-SENA.**

## *ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA'*

Il-Ġimgħa ta' Spiritwalita' li soltu ssir fix-xahar ta' Settembru, qabel ma tibda s-sena pastorali. Din se tkun quddiem il-Museum bejn id-19 u t-23 ta' Settembru.

***ŻOMM DAN L-APPUNTAMENT***

## PELLEGRINAĠĠ GĦAL MALTA.

Se jiġi organizzat Pellegrinaġġ Djoċesan għall-Parroċċa tal-Mellieħa, Malta, nhar it-**Tlieta 6 ta' Settembru**.

Nitilqu mal-vapur tal-5.15p.m. Fiċ-Cirkewwa jkollna trasport provdut. Nirritornaw lura lejn Għawdex mal-vapur tal-9.45p.m.

Il-Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali, mhux iktar tard minn nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru.

Dawk li se jiġu jġibu magħhom l-Karta ta' l-Identita'.

## DEĊENZA FIĊ-ĊIMITERJU

Infakkar lil dawk kollha li jinvistaw iċ-Ċimiterju, li dan huwa post qaddis u għalhekk wieħed għandu jidħol b'ilbies xieraq, iżomm s-skiet u jitlob.

**Il-Papa Benedittu XVI liż-Żgħażagħ f'Madrid**

Kif jista żgħażugħ ikun fidil lejn il-fidi nisranija u jkompli jaspira lejn l-ideali l-kbar fis-soċjeta illum? Ġesu' jagħti risposta għal din il-mistoqsija importanti: "*Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi*". Alla jħobbna. Din hi l-verita' l-kbira ta' ħajjitna u li tagħti sens lill-bqija. M'aħniex frott l-irrazzjonalita', imma fl-oriġni tal-eżistenza tagħna hemm proġett ta' imħabba ta' Alla. Tibqa fl -imħabba tiegħu jfisser li tgħix bl-għeruq fil-fidi, għaliex il-fidi mhijiex sempliċement aċċettazzjoni ta' xi veritajiet astratti, imma relazzjoni intima ma' Kristu li jwassalna biex nifttħu qalbna għal dan il-misteru tal-imħabba u ngħixu bħala persuni li jkunu maħbubin minn Alla. Jekk tibqgħu fl-imħabba ta' Kristu, issibu anke f'nofs il-kuntrajeta' u s-sofferenza, l-għajn tal-ferħ. Il-fidi ma topponix l-ideali għolja tagħkom, għall-kuntrarju, tgħollihom u tipperfezzjonahom. Tkunux konformi ma xi ħaġa inqas mill-Verita' u mill-Imħ abba, ma xi ħadd inqas minn Kristu, għajn ta' tama tagħna.